MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 1130/2000/1

**Seduta tat-28 ta' Marzu 2003**

**Citazzjoni numru : 1130/00 GC**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Novita Construction Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta` attrici ppremettiet:

Illi skond id-dokument relattiv hawn anness u markat “Dok A” kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta` Maltacom p.l.c.) is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta` sitt elef sitt mija u hdax-il lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm6,611.52) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattivi ghal-linji bin-numru telefoniku 658944 u 651605, bin-numru tal-klijent 318555 skond il-prospett hawn anness u markat bhala "Dok B";

Illi ghalkemm is-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi biex thallas, hi baqghet inadempjenti u ma hallset xejn;

Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex ghar-ragunijiet fuq premessi:

Tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta` attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta` l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;

Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta` sitt elef sitt mija u hdax-il lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm6,611.52);

Bl-izpejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra il-konvenuti li gew ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :-

Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghal dak li jirrigwarda l-allegati servizzi tat-telefon forniti in konnessjoni mal-linja numru 658944, ghandhom jigu michuda mnn din l-

Onorabbli Qorti in quanto huma infondati fil-fatt u fid-Dritt, stante li s-socjeta` eccipjenti qatt ma kellha l-linja tat-telefon nurmu 658944 registrata f`isimha, kif jigi provat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici ghal dak li jirrigwarda l-allegati servizzi tat-telefon forniti in konnessjoni mal-linja numru 651605, ghandhom jigu michuda minn din l-Onorabbli Qorti in quanto huma infondati fil-fatt u fid-Dritt, stante li s-socjeta` esponenti kienet diga` hallset parti sostanzjali mill-ammont li kien dovut fir-rigward ta` din il-linja tat-telefon u ghad fadlilha biss thallas bilanc ta` Lm19.07, kif jigi ahjar provat waqt t-trattazzjoni tal-kawza;

In vista tal-premess din l-Onorabbli Qorti mhix kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni ta` din il-kawza *rationae valoris;*

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Dicembru 2002;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li ghandha tiehu minnghand is-socjeta konvenuta s-somma ta' sitt elef sitt mija u hdax-il lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm6,611.52) ghas-servizzi kollha tat-telefon suppliti lis-socjeta konvenuta fuq il-linji bin-numri 658944 u 651605. F'dan ir-rigward is-socjeta attrici ppresentat flimkien mac-citazzjoni propett li jindika fid-dettal dawn il-pretensjonijiet. (fol.6);

Is-socjeta konvenuta teccepixxi li qatt ma kellha linja tat-telefon bin-numru 658944 registrata f'isimha u ghalhekk il-pretensjonijiet attrici ghar-rigward ta' din il-linja ghandhom jigu michuda. Ghar-rigward tal-linja tat-telefon l-ohra, cioe bin-numru 651605, is-socjeta konvenuta hallset parti sostanzjali u l-bilanc li hu dovut hu biss Lm19.07.

Ghalhekk, skond is-socjeta konvenuta, din il-Qorti mhux kompetenti li tiehu konjizzjoni ta` din il-kawza "rationae valoris";

Mit-termini usati fic-citazzjoni jidher li t-talba tas-socjeta attrici ma tirreferix biss ghal-linja tat-telefon wahda, izda tirreferi ghal zewg linji tat-telefon. L-imsemmi prospett (fol.6) presentat mis-socjeta attrici qisu li jirreferi ghal linja wahda. Dan qed jinghad peress li ma hemm ebda indikazzjoni jew dettal dwar liema ammonti jirreferu lill-linja jew lill-linja l-ohra. Jinghad pero' li fuq dan id-dokument huma indikati z-zewg linji tat-telefon li huma imsemmijin fic-citazzjoni. Dan il-prospett ghalhekk xejn ma hu car u konklussiv u ma jistax jitqies bhala prova cara ta' xi ammonti li huma dovuti lis-socjeta attrici;

Is-socjeta attrici pproduciet dokument iehor (fol.5) u cioe kopja informi ta' ftehim sabiex tigi stallata linja tat-telefon. Jidher li t-talba sabiex tigi stallata din il-linja saret mis-socjeta konvenuta ovvjament ghall-uzu tal-istess socjeta konvenuta. Ma jirrizultax, pero', b'mod car ghal liema linja tat-telefon jirreferi dan il-ftehim. F'dik il-parti ta' dan il-ftehim li hu immarkat biss ghall-uzu tal-ufficju, ovvjament ghall-uzu tas-socjeta' attrici, hemm indikat numru tat-telefon li zgur li ma hu ebda wiehed minn dawk li huma indikati fic-citazzjoni. Jigi rilevat inoltre li dan in-numru mhux facilment legibbli u jidher li xi hadd ghamel korrezzjoni u rrenda l-istess numru li ma jistax jigi decifrat. F'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li fuq id-dokument l-iehor, cioe l-imsemmi prospett a fol.6, xi hadd ghamel nota li wiehed min-numri li jidhru fuq dan il-prospett u cioe n-numru 651605 qabel kien in-numru 658901. Jista jkun li dan l-ahhar numru, cioe 658901, hu dak li hu miktub fl-imsemmi ftehim ghall-istallazzjoni ta' linja telefonika. Dan il-fatt pero' ghar-ragunijiet gia indikati ma jistax jigi stabbilit b'mod definittiv;
Mid-dokumenti li gew esibiti mis-socjeta attrici ghalhekk ma jistax jinghad li l-pretensjonijiet tal-istess socjeta attrici jirrizultaw pruvati. L-uniku xhud li gie prodott mis-socjeta attrici kemm ikkonferma li l-ammont kien ghadu kollu dovut. Is-socjeta attrici pero' ma pprovatx li l-linji tat-

telefon in kwestjoni qatt kienu registrati f'isem is-socjeta konvenuta;

Ix-xhud prodott mis-socjeta konvenuta ammetta, pero', li wahda minn dawn il-linji, cioe n-numru 651605, kienet effettivament registrata fuq isem is-socjeta konvenuta. L-istess xhud pero' ddikjara li l-parti l-kbira tal-kontijiet relattivi gew imhallsa. Dejjem fuq dan in-numru kien fadal biss x'jithallas bilanc ta' dsatax il-lira u seba` centezmi (Lm19.07). L-istess xhud pproducja prospett li jindika l-kontijiet dwar din il-linja tat-telefon u l-hlasijiet relattivi li saru mis-socjeta konvenuta u minn dan id-dokument appuntu jirrizulta li l-bilanc li ghadu dovut u dak indikat ta' Lm19.07. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti ma tista qatt titqies li hi kompetenti "ratione materie" in vista tal-bilanc li skond is-socjeta konvenuta ghadu dovut;

L-istess xhud prodott mis-socjeta konvenuta kkonferma li l-linja l-ohra imsemmija mis-socjeta attrici cioe dik bin-numru 658944 qatt ma kienet registrata f'isem is-socjeta konvenuta;

In vista ta' dan kollu ma jistax jinghad li s-socjeta attrici pprovat b'mod sufficjenti l-pretensjonijiet taghha u ghalhekk it-talbiet taghha zgur li ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u fit-tieni lok billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kollha kontra s-socjeta attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------